# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 25 ta' April 2001

Citazzjoni numru 1752/99 AJM

Kawza numru

Hydrotechnic S.R. socjeta' estera rappresentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino

Vs

Spicat JCB Limited.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' Lulju 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disgha miljun mitejn u tlieta u ghoxrin elf u sitt mija liri maltin (IL 9,223,600) liema ammont jirrapresenta prezz ta' apparat u makkinarju debitament mibjugh u konsenjat u liema import jirrizulta mill-afftura numru mija u sebghin (170) datata 26 ta' Gunju 1998; illi ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jhallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal IL 9,223,600 liema ammont jirrapresenta prezz ta' apparat u makkinarju debitament mibjugh u konsenjta u liema import jirrizulta mill-fattura numru 170 datata 26 ta' Gunju 1998.

Bl-isepejjes inluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 1999 u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni oltre l-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattur sal hlas effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda w d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fit-28 ta' Ottubru 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut stante illi l-invoice 170 tas-26 ta' Gunju 1998 thallset u dan kif kkonfermat fl-ittra tal-konsulent legali tas-socjeta' attrici tad-19 ta' Frar 1999.
2. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante t-tpacija li saret bejn il-partijiet.
3. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li l-merkanzija kkonsenjata mhix ta' specifikazzjonijiet u kwalita' pattwita u anke difettuza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut u d-dokument minnu ezebit.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Novembru 1999 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' Jannar 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta irtirat l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet. Dan sar fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2000, meta l-konvenut iddikjara li qed jirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni u fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 meta saret ir-rinunzja fir-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni. Ghalhekk illum ma hemmx kwistjoni la ta' pagament u lanqas ta' kwalita' pattwita u din il-Qorti hija mitluba tikkunsidra biss l-eccezzjoni ta' tpacija.

Mil-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici fornit lis-socjeta' konvenuta merkanzija bil-prezz indikat fic-citazzjoni u dana skond fattura numru 170 tas-26 ta' Gunju 1998. Qabel din il-konsenja kienet saret ordni ohra mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija ohra li giet debitament konsenjata u mhallsa fl-ammont ta' cirka Lit 12,000,000. Wara xi zmien s-socjeta' konvenuta allegat li din l-ewwel konsenja ma kientx skond il-ftehim jew difettuza u ghalhekk giet ritornata lis-supplier.

Meta saret it-tieni konsenja ta' merkanzija li tikkoncerna din il-kawza u li kienet kompletament indipendenti mill-ewwel konsenja, s-socjeta' konvenuta ippretendiet li l-ammont originarjament imhallas fuq l-ewwel konsenja ghandu jigi pacut mal-valur tal-invoice in kwistjoni u dana sew billi kif qed jallega d-direttur tas-socjeta' konvenuta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet in kawza, jew ipso jure skond il-provedimenti ta' l-artikolu 1196(2) tal-Kap 16.

It-tpacija, tghid il-ligi (art. 1197) tista' ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

Fil-kaz in ezami jidher li hemm zewg ammonti reklamati kontra xulxin izda ma jirrizultax li fil-kaz ta'l-allegat kreditu tas-socjeta' konvenuta l-ammont minnha pretiz huwa wiehed likwidu jew li jista' jintalab. Infatti s-socjeta' konvenuta ma hadet ebda proceduri kontra s-socjeta' attrici biex jigi stabbilit d-dritt taghha fuq l-allegati nuqqasijiet tas-socjeta' attrici fir-rigward ta' l-ewwel konsenja. Il-fatt biss li din il-merkanzija giet ritornata lis-socjeta' attrici ma jirradika ebda dritt ta' rimbors ta' l-ammont originarjament imhallas billi l-bejgh kien konkjuz bil-konsenja u l-hlas tal-prezz, u dana izjed u izjed meta l-merkanzija giet ritornata minghajr il-kunsens tas-socjeta' attrici. Dan il-fatt jeskludi l-possibillita' ta' tpacija ipso jure.

Lanqas ma jidher li kien hemm xi ftehim bejn il-kontendenti kif qed jallega d-direttur tas-socjeta' konvenuta. L-istess ittra Dok A (fol 14) kif ukoll korrispondenza ohra li giet ezebita sussegwentement, jindikaw li ma kien hemm ebda accettazzjoni mis-socjeta' attrici ghal xi allegati

nuqqasijiet u konsegwentment ghal xi dritt ta' rifuzjoni tal-prezz imhallas. Infatti jidher li t-tort ghal malfunzjonament tal-apparat qed jigi imputat lis-socjeta' konvenuta ossia lil klient taghha, billi dawn utilizzaw l-makkinarju konsenjat mhux skond kif previst. Huwa minnu li s-socjeta' attrici setghet ghamlet xi offerta ta' transazzjoni sabiex s-socjeta' konvenuta tigi agevolata, izda din l-offerta lanqas biss ma jirrizulta li giet accettata. Ghalhekk ma jidhirx li lanqas kien hemm l-allegat ftehim u konsegwentement t-tpacija ma tistax issehh.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut billi dawn gew irtirati, u filwaqt li tichad l-eccezzjoni ta' tpacija sollevata mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disgha mija sitta u erbghin lira maltin sitta u sebghin centezimu (LM1946.76) rappresentanti l-ekwivalenti f'liri maltin tas-somma ta' disa' miljuni mitejn u tlieta u ghoxrin elf u sitt mitt liri taljani (Lit 9,223,600) bir-rata ta'kambju ta' Lit4737.9098 ghal kull lira maltija, prevalenti fl-24 ta' April 2001 u dana bl-imghax kummercjali mis-26 ta' Gunju 1998.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri